**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 3 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 172/2022 CC

**Melanie Carabott għan-nom u in rappreżentanza ta' CME Co. Limited [C 96091]**

**Vs**

**Eman Borg [KI 547580 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-10 ta' Ġunju 2022, fejn is-soċjeta' attriċi talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenut Eman Borg sabiex iħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin ċenteżmi (€1927.89c) rappreżentanti pagamenti, liema ammont huwa dovut kif jirriżulta mill-invoices annessi DOK A.

Is-Soċjeta' attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, liema spejjeż għandhom jinkludu wkoll dawk tal-ittra uffiċjali numru 159/2019 maħruġa kontra l-konvenut taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imgħax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut preżentata fit-8 ta' Novembru 2022 fejn sostna li fl-ewwel lok u in linea preliminari, ma hemm ebda relazzjoni ġuridika u l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Sostna li mingħajr preġudizzju għas-suespost fi kwalunkwe każ u subordinatament l-azzjoni odjerna hija intempestiva. Finalment sostna li mingħajr preġudizzju għal premess, ix-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti u wisq anqas ma tlesta kif miftiehem.

Ra r-risposta ulterjuri tal-konvenut preżentata is-16 ta' Jannar 2023 fejn sostna li l-ammont pretiż ma huwiex dovut stante li kienet is-soċjeta' attriċi li fl-ewwel lok, ix-xogħol eżegwit sal-lum ġie eżegwit ħażin u għalhekk is-soċjeta' attriċi baqgħet inadempjenti. Sostna wkoll li għalhekk it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024, il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u sema' it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħha kontra l-konvenut, is-soċjeta' attriċi resqet is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit ta' Melanie Carabott** fejn hija ddikjarat li hija Direttur tas-soċjeta' attriċi.

Fl-affidavit tagħha Melanie Carabott sostniet li l-konvenut Eman Borg kien mar is-showroom sabiex jixtri l-aperturi ta' ġewwa post ir-Rabat bl-indirizz tiegħu huwa Flat 2, Coronation Flats, Triq Santa Barbara, Rabat.

Marru fuq il-post, ħadu l-qisien u ddiskutew ix-xogħol li kien hemm bżonn li jsir sabiex eventwalment ġiet preparata s-Sales Order, liema Sales Order ġiet annessa u mmarkata DOK A ma l-istess affidavit.

Sostniet li fis-sales order hemm differenzi fl-invoice għaliex l-insect screens qatt ma ġew mwaħlin.

Flimkien  mas-sales order kien ġie ppreparat dokument bid-diżinji ta' dawn l-aperturi, liema dokument kien ġie ffirmat mill-konvenut Eman Borg stess, liema dokument ġie anness u mmarkat DOK B ma l-istess affidavit.

Sostniet li anke s-sales order kienet ġiet iffirmata mill-konvenut Eman Borg.

Il-konvenut kien ħallas id-depożitu u kkonferma wkoll li dak li kien hemm fis-sales order huwa x-xogħol li ried.

Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-qisien u prodotti provduti fis-sales order kif ukoll fi d-diżinji huma korretti.

It-termini u l-kundizzjonijiet ukoll kienu ġew iffirmati mill-konvenut, liema termini u kundizzjonijiet  ġew annessi u mmarkati DOK C ma l-istess affidavit.

Fl-affidavit tagħha, Melanie Carabott issostni li meta d-Direttur mar biex jinstalla dawn l-aperturi fil-11 ta' Ġunju 2021 fuq il-post kien hemm kemm il-konvenut u anke missieru u wara li dawn l-aperturi twaħħlu, missier il-konvenut sostna li dawn ma kienux kif ordnahom u xtaqhom u ma riedx iħallas l-bilanċ pendenti li kien jammonta għal elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin ċenteżmi (€1927.89c).

Fl-affidavit ta' Melanie Carabott ġiet ppreżentata l-invoice, liema invoice ġiet annessa u mmarkata DOK D ma l-istess affidavit.

Finalment Melanie Carabott iddikjarat li l-ammont ta' elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin ċenteżmi (€1927.89c) għadu dovut lis-soċjeta attriċi mill-konvenut u dan minkejja li kien ġie interpellat diversi drabi kif jirriżulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bħala DOK E mal-istess affidavit.

Illi sabiex jirribatti t-talba miġjuba fil-konfront tiegħu mis-soċjeta' attriċi, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit tal-konvenut Eman Borg** fejn fih fost l-oħrajn sostna li hu u l-partner tiegħu Antoinette Axisa kienu ordnaw għaxar aperturi mingħand is-soċjeta' attriċi għal post tagħhom li jinsab ġewwa Flat 2, Coronation Flats, Triq Santa Barbara, Rabat, Malta.

   Il-konvenut u Antoinette Axisa kienu infurmawhom x'aperturi kienu xtaqu u eventwalment kienu ftehmu data sabiex jittieħdu l-qisien.

   Isostni li fuq il-post kien mar Mark Carabott sabiex jieħu l-qisien. Il-konvenut Eman Borg fl-affidavit tiegħu jsostni wkoll li l-qisien kien ħadhom Mark Carabott u la hu u lanqas Antoinette Axisa fl-ebda ħin ma kkonfermaw il-qisien.

   Sussegwentament kienu ġew ppreżentati b'invoice ta' seba' t'elef, disa mija u tmienja u ħamsin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmin (€7,958.98c). Minn dan l-ammont, is-somma ta' elfejn u wieħed u ħamsin ewro u sittin ċenteżmi (€2,051.60c) tikkonsisti għax-xogħol tal-insects screens.

   Meta għamlu l-ordni huma kienu ħallsu l-ammont ta' tlett elef, disa' mija u disa' u sebgħin ewro u disa' u erbgħin ċenteżmi (€3,979.49c). Irċevuti ġew annessi u mmarkati bħala DOK A, DOK B u DOK C rispettivament mal-istess affidavit.

   Il-ftehim kien li meta' jitlesta x-xogħol jitħallas il-bilanċ.

Il-ftehim kien li l-aperturi jiġu nstallati u ssiġillati bil-foam. It-tikħil kellu jsir mill-konvenut u Antoinette Axisa sabiex eventwalment jitwaħħlu l-insect screen.

Fl-affidavit tiegħu, l-konvenut sostna li fil-11 ta' Ġunju 2021, kienu marru fuq il-post żewġ ħaddiema Pakistani sabiex jitwaħħlu l-aperturi, iżda waħda mill-aperturi jirriżulta li jeww ma ttiħiedx il-kejl tagħha tajjeb jew inkella ma nħadmitx tajjeb. Ritratti annessi u mmarkati bħala DOK D u DOK E rispettivament mal-istess affidavit.

Dak il-ħin waqt li kienu qegħdin jinstallaw l-aperturi huwa mill-ewwel ċempel lil Melanie Carabott fejn infurmaha bid-difett li kellha t-tieqa u talbitu sabiex jibgħat email. Fil-fatt, il-konvenut isostni li huwa bagħat l-email mitlub, liema kopja tal-emil ġie anness u mmarkat bħala DOK F.

Dak il-ħin kienu marru fuq il-post Mark u Melanie fejn Mark talab lil konvenut sabiex jaqta t-tieqa min-nofs.

Il-konvenut sostna li huwa talab lil Mark sabiex jagħmel ix-xogħol sew u inqala xi diżgwid.

Minkejja li s-siġill tat-twieqi kien għadu ma sarx, Melanie ordnat lil konvenut sabiex iħallas il-bilanċ sħiħ dak il-ħin.

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut isostni li huwa ma kellu ebda oġġezzjoni li jħallas iżda ġaladarba ix-xogħol ikun tlesta kollu u jkun tlesta sew.

Melanie bdiet thedded li se taqla t-twieqi u Mark mar fuq it-tieqa biex jibda jkissirha. Inqala d-diżgwid u fuq il-post kienu marru anke il-pulizija. Ir-rapport tal-pulizija ġie anness u mmarkat bħala DOK G mal-istess affidavit.

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut isostni li filwaqt li apertura minnhom għadha difettuża minħabba qisien jew ħidma ħażina, id-disgħa aperturi l-oħra għalkemm ġew imwaħħla madanakollu għadu ma sarilhomx il-foam mis-soċjeta' attriċi. Konsegwentament meta tagħmel ix-xita, jidħol l-ilma minnhom.

Finalment il-konvenut isostni li huwa qatt ma kellu oġġeżżjoni li jħallas iżda huwa jrid li l-ewwel jitlesta x-xogħol imbagħad iħallas.

Il-konvenut isostni li x-xogħol la sar sewwa u wisq anqas skond is-sengħa u l-arti.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi t-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn il-konvenut kien inkariga lis-soċjeta attriċi sabiex jagħmlulu għaxar aperturi li jirriżulta li dawn l-aperturi saru mis-soċjeta' attriċi u saħansitra anke ġew installati fil-post li jinsab ġewwa Flat 2, Coronation Flats, Triq Santa Barbara, Rabat, Malta, u dan kif kien mitlub mil-konvenut lis-soċjeta attriċi.

Il-konvenut irrifjuta li jħallas il-bilanċ fl-ammont ta' elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin ċenteżmi (€1927.89c) lis-soċjeta' attriċi għaliex qiegħed isostni li apertura ordnata minnu hija difettuża minħabba li jew il-qies tagħha ttieħed ħażin jew inkella l-apertura nħadmet ħażin u konsegwentament ix-xogħol mis-soċjeta' attriċi ma sarx skond l-arti u s-sengħa. Il-konvenut isostni wkoll li x-xogħol ma sarx b'mod komplet mis-soċjeta' attriċi u dan għaliex l-aperturi kollha ma ġewx issiġġillati bil-foam mis-soċjeta' attriċi.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Is-soċjeta attriċi għażlet li ma tagħmilx kontro-eżami lil konvenut u għalhekk it-Tribunal jikkunsidra li dak mistqarr mill-konvenut fl-affidavit tiegħu li ma kienx kontradett mis-soċjeta' attriċi għandu mis-sewwa.

Fis-sentenza deċiża mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Tal-Franċiż Construction Limited u Modern Design Limited vs Angelo Zarb** fil-15 ta' Lulju 2009 ngħad li:

"Il-principji l-iktar bazici f'kaz ta' appalt gew elenkati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004:

*"(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).*

*(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).***

***(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).***

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892).*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIIIpI p292).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama ddanni (Art 1069 (2))."*

**Ikkunsidra**

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ilmenti ta' tal-konvenut huma ġustifikati. Pero' il-fatt li apertura waħda minn għaxar aperturi hija difettuża u l-fatt li minħabba d-diżgwid li nqala bejn il-partijiet l-aperturi kollha ma ġewx issiġġillati bil-foam mis-soċjeta' attriċi ma jfissirx li l-konvenut kellu dritt li ma jħallasx il-bilanċ kollu li kien fadallu li jħallas lis-soċjeta' attriċi.

Waqt it-trattazzjoni finali, irriżulta li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi lil konvenut għal apertura li ma nħadmitx u ma saritx skond is-sengħa u l-arti huwa dak ta' ħames mija u tmienja u ħamsin ewro u erbatax il-ċenteżmu (€558.14c), vat inkluża.

Għalhekk l-ammont ta' ħames mija u tmienja u ħamsin ewro u erbatax il-ċenteżmu (€558.14c) għandu jitnaqqas mill-ammont ta' elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin ċenteżmi (€1927.89c).

Il-Konvenut isostni wkoll li l-aperturi kollha ma ġewx issiġġillati bil-foam mis-soċjeta' attriċi u minħabba f'hekk meta tagħmel ix-xita jidħol l-ilma minnhom pero ma kkwantifikax il-valur ta' dawn ix-xogħolijiet.

Għalhekk l-unika triq miftuħa għat-Tribunal f'dawn iċ-ċirkustanzi hija dik illi huwa stess jiffissa somma ex aequo et bono li tirrappreżenta l-valur ta' dawn ix-xogħolijiet. Din is-somma ser tiġi ffissata fl-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

Għalhekk l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250.00c) ukoll għandu jitnaqqas mill-ammont ta' elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin ċenteżmi (€1927.89c).

It-Tribunal se jkun qiegħed inaqqas is-somma ta' tmien mija u tmien ewro u erbatax il-ċenteżmi (€808.14c) mis-somma ta' elf u disa' mitt ewro u seba' u għoxrin ewro u disa' u tmenin

ċenteżmi (€1927.89c) u se jkun qiegħed jikkundanna lil konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, mija u dsatax il-ewro u ħamsa u sebgħin il-ċenteżmi (€1,119.75c).

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jilqa in parte it-tielet eċċezzjoni indikata mill-konvenut fir-risposta tiegħu, jilqa wkoll in parte l-ewwel eċċezzjoni indikata mill-konvenut fir-risposta ulterjuri tiegħu u jiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenut, jilqa in parte it-talba tal-attriċi fis-sens illi:

1. Jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf, mija u dsatax il-ewro u ħamsa u sebgħin il-ċenteżmi (€1,119.75c), bl-imgħax legali dekorribbli mil-10 ta' Ġunju 2022 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

2. L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jinqasmu in kwantu għal 42% a karigu tal-attriċi u 58% a karigu tal-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**